Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## S.T.O. PRIM IMHALLEF DE GAETANO VINCENT

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Appell Kriminali Numru. 183/2002

**Illum 7 ta' Novembru, 2002**

**Appell Nru 183/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Flattley u Rose Flattley**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Flattley u Rose Flattley talli (**1**) fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Ottubru, 1999 u fix-xhur ta' qabel dawn id-dati, fil-Qawra u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer uzaw u kellhom fil-pussess taghhom, gewwa jew barra minn

kazino` (Oracle Casino) cippi li kienu jafu li huma cippi foloz, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 43(1)(a)(2) ta’ l-Att X ta’ l-1998 dwar il-Loghob[1]; (**2**) talli fl-istess dati, postijiet, hinijiet u cirkostanzi ffalsifikaw cippi jew *tokens* ohra li jintuzaw f’kazino` li ghandu licenzja taht l-Att imsemmi, jew licenzja wzata ghall-ghanijiet ta’ dan l-Att, jew xjentement mexxew cippi foloz, u dan bi ksur ta’ l-Artikoklu 44(1)(a)(b)(2) ta’ l-istess Att; u aktar (**3**) talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat bi ksur ta’ l-Artikolu 189 tal-Kodici Krminali; Raymond Flattley wahdu kien akkuzat (**4**) talli sar recidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodici Krminali billi kien gie misjub hati u kkundannat ghal reat b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali datata 12 ta’ Marzu, 1979, liema sentenza saret definittiva;

Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali tas-17 ta’ Settembru, 2001 (fol. 89 tal-atti);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta’ Lulju, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lil Raymond Flattley hati skond **l-ewwel**, **it-tieni** u **r-raba’** imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, izda mhux hati skond it-tielet imputazzjoni, u kkundannatu multa ta’ tlett elef lira (Lm3,000); kif ukoll sabet lil Rose Flattley hatja skond **l-ewwel** u **t-tieni** imputazzjonijiet, izda mhux hatja skond it-tielet imputazzjoni, u kkundannatha multa ta’ tlett elef lira (Lm3,000);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmija Raymond Flattley u Rose Flattley, minnhom ippresentat fil-5 ta’ Awissu, 2002, li permezz tieghu talbu ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta’ nhar il-Gimgha, 1 ta’ Novembru, 2002; ikkunsidrat:

---

[1] Kap. 400.

Qabel xejn ghandu jigi precizat li fl-udjenza tal-5 ta' Dicembru, 2001, l-appellant (allura imputat) Raymond Flattley biddel il-kontestazzjoni tieghu u rregistra ammissjoni. L-appellanti Rose Flattley, pero`, ma rregistratx ammissjoni simili.

L-appellanti ghandhom erba' aggravji, li ser jigu kkunsidrati *seriatim*. L-ewwel aggravju hu fis-sens li dak li ghamlet Rose Flattley ghamlitu ghax kienet koatta fis-sens ta' l-Artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali. Jinghad bla tlaqliq li dana l-aggravju huwa wiehed fieragh. Minn imkien ma jirrizulta l-icken hjiel li kien hemm xi forma ta' pressjoni ezercitata mill-appellant Raymond Flattley fuq martu. Hu appena necessarju jinghad li l-"forza barranija" imsemmija fl-Artikolu 33(b) trid tkun tali l-persuna suggetta ghal dik il-forza "ma setghatx tirrezisti ghaliha", jigifieri trid tkun forza irrezistibbli u mhux semplicement mhux rezistita. Is-semplici fatt li jkun hemm ordnijiet jew struzzjonijiet moghtija minn persuna lil persuna ohra, anke jekk tali ordnijiet jew struzzjonijiet ikunu nghataw b'insistenza jew determinazzjoni, ma jfissirx li l-persuna li tircevihom tista' tinvoka l-Artikolu 33(b) u tezimi ruhha mir-responsabbilta` penali. Addirittura anke jekk tali ordnijiet jew struzzjonijiet ikunu akkumpanjati b'theddid, ma jfissirx necessarjament li jkun hemm forza barranija irrezistibbli – kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, inkluz in-natura tat-theddid u l-persuna ta' l-agent attiv u ta' l-agent passiv. Kif inghad, pero`, f'dan il-kaz ma hemm l-anqas l-icken hjiel ta' xi forma ta' pressjoni ezercitata mill-appellant fuq martu. Kienet ghalhekk korretta l-ewwel qorti meta fis-sentenza taghha u b'referenza ghas-sottomissjoni tad-difiza li Rose Flattley kienet agixxiet skond l-ordnijiet u struzzjonijiet ta' zewgha, qalet li tali difiza – cioe` li wiehed ikun qed jagixxi taht ordnijiet jew struzzjonijiet – ma kienitx kontemplata fil-ligi.

It-tieni aggravju hu fis-sens li ghar-rigward tar-reati li taghhom instabu hatja l-appellanti, kellu jigi applikat l-Artikolu 41 tal-Kap. 9, fis-sens li r-reati ma kienux gew kunsmati izda kien hemm biss tentattiv taghhom. Dana l-aggravju huwa assolutament infondat. Il-provi juru b'mod inkontrovertibbli li z-zewg appellanti kellhom fil-pussess

taghhom cippi li kienu jafu li huma foloz; l-appellant Raymond Flattley ammetta mal-pulizija li huwa kien iffalsifika c-cippi; u mill-istqarrija li l-appellanti Rose Flattley irrilaxxjat lill-pulizja jirrizulta b'mod car li hija xjentement mexxiet dawn ic-cippi foloz meta marret biex issarrafhom ghand il-kaxxier tal-kazino`. Ikun superfluwu li jinghad aktar fuq dana l-aggravju.

It-tielet aggravju ta' l-appellanti hu fis-sens li t-tnejn li huma nghataw l-istess piena, meta Raymond Flattley instab hati skond tlett imputazzjonijiet – l-ewwel, it-tieni u r-raba' – mentri Rose Flattley instab hatja biss skond l-ewwel u t-tieni imputazzjnijiet. Dan l-aggravju hu wkoll infondat ghas-semplici raguni li l-ewwel qorti erogat il-piena pekunjarja <u>fil-minimu taghha</u>, cioe` tlett elef lira, u dan skond l-Artikolu 42(1) tal-Kap. 400 (il-massimu tal-piena pekunjarja kien ta' mitt elf lira, u l-qorti setghet tikkundanna wkoll ghal piena ta' mhux aktar minn sentejn prigunerija, jew multa u prigunerija flimkien).

L-ahhar aggravju ta' l-appellanti hu fis-sens li l-ewwel qorti kellha wkoll tikkunsidra it-tieni proviso tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 42 tal-Kap. 400, u dan peress li dana l-proviso huwa "parti integrali mill-istess Artikolu 42" li gie kkwotat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju. Dana t-tieni proviso jghid hekk:

**Izda wkoll li meta l-Avukat Generali fil-permess mahrug skond l-artikolu 48, jiccertifika li r-reat ikun adegwatament punit b'multa ta' mhux anqas minn mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira, il-piena applikabbli ghandha tkun multa ta' mhux anqas minn mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira.**

Dan il-proviso kjarament jghid li, biex l-Avukat Generali jinvoka l-istess proviso (a beneficcju ta' l-imputat ghax il-parametri tal-piena jkunu gew ridotti) dan irid jaghmlu fil-bidu tal-proceduri <u>fil-permess li huwa johrog skond l-Artikolu 48</u> sabiex jinbdew l-istess proceduri. Iz-zewg permessi – wiehed fir-rigward ta' Raymond Flattley u l-iehor fir-rigward ta' Rose Flattley – li nhargu fit-28 ta' Marzu tas-sena elfejn, jinsabu a fol. 29 u 30 tal-atti.

F'dawn id-dokumenti l-Avukat Generali ma invokax dan it-tieni proviso, u ghalhekk l-ewwel qorti gustament anqas biss setghet tikkunsidrah.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonfrema s-sentenza appellata. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur lic-*Chief Executive* ta' l-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Loghob.

Aldo Testone
Assistent Registratur